# IS-SĦAB TAN-NOFSINHAR

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tkopri l-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Palestina, is-Sirja u t-Tuneżija. Hija tikkonsisti minn politiki bilaterali bejn l-UE u 10 pajjiżi sħab individwali, flimkien ma' qafas ta' kooperazzjoni reġjonali, l-Unjoni għall-Mediterran. L-UE saħħet l-appoġġ għall-bidliet demokratiċi fl-ambitu tal-PEV fl-2011, bħala tweġiba għall-irvellijiet fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Hija rrevediet wkoll il-PEV fl-2015.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

— it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea: l-"azzjoni esterna" tal-UE;

— l-Artikoli 206-207 (il-kummerċ) u 216-219 (il-ftehimiet internazzjonali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-ISTRUMENTI

Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jiffurmaw il-bażi ġuridika għar-relazzjonijiet bilaterali tal-UE mal-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana u t-Tuneżija. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni mibdi mas-Sirja qabel ir-repressjoni vjolenti tal-protesti pubbliċi mill-Gvern Sirjan fl-2011 qatt ma ġie ffirmat. In-negozjati għal ftehim qafas UE-Libja ġew sospiżi fi Frar 2011 u għad iridu jitkomplew.

Fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-UE u sħabha tan-Nofsinhar (minbarra l-Libja u s-Sirja) adottaw pjanijiet ta' azzjoni bilaterali, prijoritajiet ta' sħubija jew aġendi ta' assoċjazzjoni. Dawn jistabbilixxu aġendi għal riforma politika u ekonomika bi prijoritajiet fuq perjodu qasir u medju ta' bejn tlieta u ħames snin. Filwaqt li jirriflettu l-ħtiġijiet, l-interessi u l-kapaċitajiet tal-UE u ta' kull wieħed minn sħabha, il-pjanijiet ta' azzjoni tal-PEV huma mmirati, b'mod partikolari, lejn l-iżvilupp ta' soċjetajiet demokratiċi, ekwi u inklużivi mil-lat soċjali, il-promozzjoni tal-integrazzjoni ekonomika u l-edukazzjoni, l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju u l-agrikoltura, kif ukoll l-aġevolazzjoni tal-moviment tan-nies bejn il-fruntieri.

Fil-biċċa l-kbira, dawn il-pjanijiet huma ffinanzjati mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u minn strumenti tematiċi oħrajn. Jingħata wkoll sostenn bis-saħħa tas-self mill-Bank Ewropew tal-Investiment u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. L-UE qed tfittex ukoll li timxi 'l quddiem fl-aċċess għas-suq u fil-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u mobilità ma' sħabha tan-Nofsinhar. Bħalissa għaddejjin negozjati dwar Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi (DCFTAs)

mal-Marokk u mat-Tuneżija. Mal-Marokk, mat-Tuneżija u mal-Ġordan ġew konklużi sħubijiet għall-mobbiltà u mal-Libanu għaddejjin in-negozjati. Għadd ta' proġetti qed jiġu implimentati f'dawn l-oqfsa, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Faċilità ta' Sħubija għall-Mobbiltà, imnedija fl-2016. Barra minn hekk, qed jiġu ffinanzjati inizjattivi reġjonali u bilaterali dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà taħt il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika, it-tieqa tal-Afrika ta' Fuq, fl-Alġerija, l-Eġittu, il-Libja, il-Marokk u t-Tuneżija. Il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana "il-Fond Madad", jipprovdi appoġġ lir-rifuġjati Sirjani, lill-persuni spostati internament (IDPs) u lill-komunitajiet lokali fil-Libanu, il-Ġordan, u l-Eġittu.

L-Unjoni għall-Mediterran (UgħM), li bdiet fl-2008 biex tagħti ħajja ġdida lis-Sħubija Ewro-Mediterranja, toffri qafas reġjonali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u 15-il pajjiż tal-Mediterran, inklużi l-10 sħab tan-Nofsinhar.

## IS-SITWAZZJONI ATTWALI

### A. Alġerija

Bħala attur reġjonali ewlieni u produttur importanti tal-enerġija, l-Alġerija hija sieħba ewlenija tal-UE fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Daħal fis-seħħ fl-2005 ftehim ta' assoċjazzjoni. L-UE u l-Alġerija adottaw il-Prijoritajiet ta' Sħubija komuni tagħhom fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' Marzu 2017. Il-prijoritajiet ta' sħubija stabbilew qafas imġedded għal impenn politiku u kooperazzjoni msaħħa, b'enfasi fuq: i) il-governanza u d-drittijiet fundamentali; ii) l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-kummerċ; iii) l-enerġija, l-ambjent u t-tibdil fil-klima; iv) id-djalogu strateġiku u dak dwar is-sigurtà; u v) id-dimensjoni umana, il-migrazzjoni u l-mobbiltà.

### B. Eġittu

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu huma rregolati bi ftehim ta' assoċjazzjoni, li ilu fis-seħħ mill-2004. Fil-kuntest tal-PEV riveduta, f'Lulju 2017 ġie adottat sett ta' Prijoritajiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Eġittu fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu. Filwaqt li l-elementi kollha tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għadhom fis-seħħ, il-Prijoritajiet ta' Sħubija — definiti b'mod konġunt mill-UE u l-Eġittu — jissostitwixxu l-pjan ta' azzjoni, u se jiggwidaw is-sħubija għall-perjodu 2017-2020. Matul dan il-perijodu l-enfasi ser tkun fuq: i) il-modernizzazzjoni ekonomika, is-sostenibbiltà tal-enerġija u l-ambjent; ii) l-iżvilupp soċjali u l-protezzjoni soċjali; u iii) il-governanza, it-tisħiħ tal-istabilità u l-istat demokratiku modern.

### C. Iżrael

Ir-relazzjonijiet UE-Iżrael huma estensivi u msejsa fuq relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali b'saħħithom u fuq kooperazzjoni teknika. Ir-relazzjoni, li hija bbażata fuq il-ftehim ta' assoċjazzjoni tal-2000, żviluppat b'mod dinamiku fis-snin sussegwenti, b'espansjoni sostanzjali f'bosta setturi. Il-pjan ta' azzjoni UE-Iżrael, maqbul fl-2005, huwa bbażat fuq il-valuri komuni tad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-libertajiet bażiċi, u jippromwovi l-integrazzjoni tal-Iżrael fil-politiki u l-programmi Ewropej. Fl-2009, l-UE ddeċidiet li sabiex ir-relazzjonijiet jiġu aġġornati għal status "avvanzat", irid ikun hemm progress fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani

(PPLN). Minkejja dan, il-kooperazzjoni għadha għaddejja abbażi tal-pjan ta' azzjoni tal-PEV tal-2005, li ġie estiż sal-2020.

**D.** Ġordan

L-UE tqis lill-Ġordan bħala sieħeb importanti li għandu rwol ta' stabbilizzazzjoni fil-Lvant Nofsani. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni UE-Ġordan, li ilu fis-seħħ minn Mejju 2002, iservi ta' bażi ġuridika għal din ir-relazzjoni bilaterali. Fl-2012 ġie adottat Pjan ta' azzjoni tal-PEV, u l-Prijoritajiet ta' Sħubija ġodda UE-Ġordan ġew maqbula flimkien ma' Patt f'Diċembru 2016. Fi ħdan il-PEV, il-Ġordan huwa l-ewwel pajjiż sieħeb tal-Mediterran li miegħu l-UE kkonkludiet negozjati tekniċi li wasslu għal "Status Avvanzat". F'Ottubru 2014, l-UE u l-Ġordan taw bidu għal Sħubija għall-Mobilità. Il-Ġordan ingħata żewġ pakketti ta' assistenza makrofinanzjarja (wieħed fl-2013 b'valur ta' EUR 180 miljun u wieħed f'Diċembru 2016 b'valur ta' EUR 200 miljun). Il-Ġordan, li jospita 'l fuq minn 655 000 rifuġjat Sirjan, huwa benefiċjarju tal-"Fond Madad", il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana. Fil-kuntest tas-sostenn min-naħa tal-UE għall-Ġordan fil-kriżi tar-rifuġjati Sirjani, l-UE u l-Ġordan fl-2016 immodifikaw il-ftehim ta' assoċjazzjoni sabiex ir-regoli tal-oriġini li japplikaw għall-esportaturi tal-Ġordan fil-kummerċ tagħhom mal-UE jkunu anqas stretti.

**E.** Libanu

Ir-relazzjonijiet huma bbażati fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu, fis-seħħ mill-2006, u l-Prijoritajiet ta' Sħubija ġodda UE-Libanu ġew maqbula flimkien ma' Patt f'Novembru 2016. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu, li sar f'Lulju 2017, qabel li jkompli d-diskussjonijiet bil-ħsieb li tiġi ffirmata Sħubija għall-Mobilità. L-UE tappoġġa l-unità, l-istabilità, l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Libanu, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni li qed tiddeterjora fil-pajjiż ġar tas-Sirja. Il-Libanu, pajjiż ta' 4.4 miljun abitant, bħalissa qed jospita madwar miljun rifuġjat Sirjan. Il-Libanu huwa benefiċjarju tal-"Fond Madad".

**F.** Libja

Mindu waqa' r-reġim ta' Gaddafi, il-Libja waqgħet bilmod il-mod fi gwerra ċivili, fl-isfond ta' firdiet kumplessi ta' natura politika, soċjali, territorjali u tribali. Il-Libja hija wkoll magħrufa bħala rotta ta' tranżitu mis-Saħel għat-traffikar tal-bnedmin u għall-kuntrabandu. F'dan il-kuntest, l-UE qed tipprova tgħin lil-Libjani jistabbilixxu stat stabbli u inklużiv. L-UE tappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni tan-NU biex jintemmu l-ostilitajiet u tagħmel approċċi diplomatiċi lill-partijiet ikkonċernati Libjani u reġjonali. Il-Libja m'għandhiex ftehim ta' assoċjat jew ftehim kuntrattwali ieħor mal-UE, iżda l-pajjiż huwa eleġibbli għal finanzjament bis-saħħa tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat. Mill-2016 'il hawn, il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika alloka kważi EUR 135 miljun għall-protezzjoni tal-migranti fil-Libja.

**G.** Marokk

Fost is-sħab tan-Nofsinhar, il-Marokk għandu waħda mill-aktar relazzjonijiet żviluppati mal-UE. Ftehim ta' assoċjazzjoni ilu fis-seħħ mill-2000 u ġie adottat pjan ta' azzjoni tal-PEV ġdid fl-2013. Il-pajjiż ingħata "status avvanzat" fil-qafas tal-PEV fl-2008, fatt li jirrifletti l-ambizzjoni li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Marokk u li jingħata appoġġ ulterjuri lir-riformi ekonomiċi u politiċi. Is-sħubija għall-mobilità UE-Marokk bdiet

f'Ġunju 2013. In-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi u l-ftehimiet ta' riammissjoni u d-DCFTA għadhom għaddejjin. Barra minn hekk, ftehim imġedded dwar is-sajd daħal fis-seħħ fl-2014. Skont iż-żewġ deċiżjonijiet li ttieħdu dan l-aħħar mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-UE tista' timplimenta l-ftehimiet tagħha mal-Marokk, iżda dawn il-ftehimiet ma japplikawx għas-Saħara tal-Punent.

**H.** Palestina

L-UE hija s-sostenitur finanzjarju ewlieni tal-Awtorità Palestinjana (PA), b'allokazzjoni bilaterali annwali indikattiva ta' madwar EUR 300 miljun. L-objettiv ġenerali tal-appoġġ tal-UE huwa li jgħin fil-bini tal-kapaċitajiet ta' stat Palestinjan futur li jkun fattibbli, indipendenti u demokratiku u li jgħix flimkien ma' Iżrael u mal-pajjiżi ġirien l-oħra fil-paċi u s-sigurtà. Il-bażi ġuridika għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Awtorità Palestinjana hija l-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li ġie konkluż fl-1997. L-UE u l-Awtorità Palestinjana ffirmaw Pjan ta' Azzjoni tal-PEV, li daħal fis-seħħ fl-2013. Fl-istess sena, l-UE offriet lil Iżrael u lill-istat futur tal-Palestina "Sħubijiet Privileġġati Speċjali" li jipprovdu pakkett bla preċedent ta' appoġġ politiku, ekonomiku u ta' sigurtà liż-żewġ partijiet fil-kuntest ta' ftehim futur ta' status finali.

**I.** Sirja

Wara li l-Gvern Sirjan beda jirreprimi bil-vjolenza l-protesti kontra l-gvern f'Marzu 2011, l-UE ħadet għadd ta' miżuri dejjem aktar restrittivi kontra r-reġim Sirjan. Il-programmi ta' kooperazzjoni bilaterali kollha bejn l-UE u l-Gvern Sirjan ġew sospiżi. L-UE tappoġġa taħditiet ta' paċi inklużivi lejn tranżizzjoni politika mmexxija mis-Sirja. L-UE hija d-donatur ewlieni fir-rispons għall-kriżi Sirjana, u l-UE u l-Istati Membri tagħha kollettivament ipprovdew aktar minn EUR 16.9 biljun f'għajnuna umanitarja u f'assistenza għall-iżvilupp, l-ekonomija u l-istabbilizzazzjoni. Il-Fond Fiduċjarju Reġjonali b'reazzjoni għall-Kriżi Sirjana jġestixxi l-parti l-kbira tal-għajnuna mhux umanitarja mogħtija lil pajjiżi ġirien li qed jilqgħu lir-rifuġjati Sirjani. S'issa, il-fond laħaq volum globali ta' EUR 1.7 biljun. Il-Kunsill adotta l-istrateġija tal-UE dwar is-Sirja fit-3 ta' April 2017. F'konformità ma' din l-istrateġija, l-UE ospitat tliet konferenzi b'appoġġ għall-futur tas-Sirja u tar-reġjun: l-ewwel waħda saret f'April 2017, fejn il-komunità internazzjonali wiegħdet EUR 5.6 biljun bħala "finanzjament għas-sostenn ta' attivitajiet umanitarji, reżiljenza u żvilupp fl-2017 b'rispons għall-kriżi fis-Sirja". it-tieni waħda saret f'April 2018, u matulha l-parteċipanti wiegħdu EUR 3.5 biljun għall-2018, u EUR 2.7 biljun oħra għall-2019-2020. u t-tielet waħda fit-12-14 ta' Marzu 2019, b'wegħdiet li jammontaw għal EUR 6.2 biljun għall-2019, u wegħdiet pluriennali ta' kważi EUR 2.1 biljun għall-2020 u lil hinn. Il-ħtiġijiet umanitarji għadhom estremament serji. Aktar minn 11-il miljun Sirjan jeħtieġu assistenza umanitarja, u hemm aktar minn 5.6 miljun rifuġjat Sirjan spostati barra l-pajjiż.

**J.** Tuneżija

Mindu saret ir-rivoluzzjoni Tuneżina tal-2011, l-UE tat appoġġ politiku, finanzjarju u tekniku għat-tranżizzjoni demokratika tal-pajjiż. Il-bażi ġuridika tar-relazzjoni bilaterali tibqa' l-ftehim ta' assoċjazzjoni, li ilu fis-seħħ mill-1998. Fl-2012, b'kont meud tal-progress miksub, l-UE u t-Tuneżija qablu li jistabbilixxu "sħubija privileġġata" bi pjan ta' azzjoni dettaljat għall-2013-2017. F'Lulju 2018, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija adotta l-linji gwida ewlenin għas-Sħubija Privileġġata UE-Tuneżija għall-

perjodu 2018-2020. It-Tuneżija u l-UE taw bidu għal sħubija ta' mobbiltà f'Marzu 2014 li wasslet għall-ftuħ ta' negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u l-ftehimiet ta' riammissjoni. In-negozjati dwar DCFTA bdew f'Ottubru 2015 u għadhom għaddejjin. Bejn l-2011 u l-2016, l-assistenza tal-UE lit-Tuneżija ammontat għal EUR 2 biljun (EUR 1.2 biljun kienu f'għotjiet u EUR 800 miljun f'assistenza makrofinanzjarja). L-UE impenjat ruħha li żżid l-assistenza finanzjarja annwali tagħha fil-forma ta' għotjiet għal EUR 300 miljun fl-2017 u li żżomm livell kostanti ta' finanzjament sal-2020. L-adozzjoni kunsenswali ta' kostituzzjoni ġdida fit-Tuneżija f'Jannar 2014 u l-organizzazzjoni b'suċċess tal-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali minn Ottubru sa Diċembru 2014, segwiti mill-elezzjonijiet muniċipali tant mistennija, kienu pass kbir 'il quddiem fit-tranżizzjoni demokratika tal-pajjiż.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament huwa totalment involut fil-Politika Ewropea tal-Viċinat. Permezz tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, huwa jsegwi l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, partikolarment bit-tfassil ta' rapporti annwali ta' progress tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u rieżamijiet tal-istess Politika. Il-Kumitat isegwi s-sitwazzjoni politika fil-pajjiżi sħab permezz ta' skambji ta' fehmiet regolari mal-uffiċjali governattivi ta' livell għoli, ma' esperti u ma' partijiet interessati tas-soċjetà ċivili. Bis-saħħa tas-setgħat baġitarji tiegħu, il-Parlament għandu influwenza diretta fuq l-ammonti allokati għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat. Għall-konklużjoni tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni kollha mal-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar fl-ambitu tal-PEV ġiet rikjesta l-approvazzjoni tal-Parlament. Il-Parlament irid jagħti anki l-approvazzjoni tiegħu għall-ftehimiet kummerċjali l-ġodda kollha, inklużi dawk rigward id-DCFTAs futuri mal-Marokk u mat-Tuneżija.

Rapporti bilaterali regolari mal-parlamenti tal-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar jinżammu permezz tad-delegazzjonijiet permanenti. Ir-relazzjonijiet mal-parlament tal-Marokk ġew aġġornati permezz tal-ħolqien ta' kumitat parlamentari konġunt fl-2010. Imbagħad, fl-2016 inħoloq kumitat parlamentari konġunt mat-Tuneżija u ieħor fl-2018 mal-Alġerija. Ir-relazzjonijiet parlamentari mas-Sirja jinsabu sospiżi minħabba l-gwerra ċivili u anki s-sitwazzjoni attwali fil-Libja timpedixxi ż-żamma ta' relazzjonijiet interparlamentari. Fil-livell reġjonali, il-Parlament jieħu sehem fl-Assemblea Parlamentari tal-UgħM, li torganizza sessjoni plenarja waħda u bosta laqgħat fil-livell tal-kumitati fis-sena. L-aħħar laqgħa plenarja saret fi Strasburgu fit-13 u l-14 ta' Frar 2019, u matulha l-Parlament għadda l-presidenza lill-Gran Assemblea Nazzjonali tat-Turkija. Il-Parlament ipparteċipa f'bosta Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE f'pajjiżi sħab tan-Nofsinhar, l-aktar reċenti fil-Libanu (elezzjonijiet ġenerali) u fit-Tuneżija (elezzjonijiet muniċipali); Il-Parlament jipprovdi wkoll assistenza lill-Marokk u lit-Tuneżija, żewġ pajjiżi prijoritarji fil-programm tiegħu ta' sostenn għad-demokrazija.

María Álvarez López
04/2019